# It-Tifla u n-Nani

Darba waħda kien hemm tifla,
Telqet timxi fuq l-għoljiet;
Waqt li kienet tielgħa t-telgħa,
Rat quddiemha żewġ naniet.

Dawn staqsewha fejn hi sejra,
Iżda hi kkonfondiet;
Għax ma kinitx taf min huma,
U għalhekk ma xtaqitx tgħid.

Huma dlonk bdew jitbissmulha,
U magħhom stednuha tmur;
Għax ġo ġnien kienu se jmorru,
Post fejn jikber ħafna fjur.

Għalhekk hi warajhom telqet,
Fi ftit ħin waslu fil-ġnien;
Kemm kien hemm siġar u pjanti,
U kemm lagħbu lkoll flimkien!

Ħabta w sabta t-tifla ftakret,
L' għand nannitha kellha tmur;
Din fuq l-għolja kienet toqgħod,
Lilha kuljum tmur iżżur.

In-naniet qalulha taħseb,
Sabiex b'hekk ma tittardjax;
Għax nannitha tkun tistenna,
U tinkwieta 'k ma tasalx.

Stednuha sabiex kull meta,
Lil nannitha tmur iżżur;
Mill-passaġġ sigriet hi tgħaddi,
Sabiex ħdejhom terġa' tmur.

B'hekk it-tifl' għamlet ħbieb ġodda,
Qalbhom tajba kienu dawn;
Żewġ nani twajbin, sinċiera,
Parir tajjeb dejjem taw.

U kemm ferħu b'din it-tifla,
Għax hi baqgħet tmur tarahom;
Qatt ma kienu sabu x-xorti,
Li xi ħadd imur jarahom.

Kienu ġew abbandunati,
Ħabba li kellhom difett;
Biss irridu nżommu f'moħħna,
Illi ħadd mhuwa perfett.

Lil xulxin irridu nħobbu,
Anke jekk m'aħniex l-istess;
Għax Ġesù proprju għallimna,
Li Missiern' huwa l-istess!

*Cynthia Camilleri Cauchi*

